DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2250

tal-14 ta' Diċembru 2021

li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Finlandja, tal-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Finlandiż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sa Satu HAAPANEN kienet proposta għall-ħatra, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Joonas HONKIMAA kien propost għall-ħatra, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Il-Gvern Finlandiż ippropona lis-Sa Niina RATILAINEN, rappreżentanta ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Turun kaupunginvaltuuston jäsen* (membru ta' assemblea lokali, Kunsill tal-Belt ta' Turku), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

(6) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sa Niina RATILAINEN bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti.

(7) Il-Gvern Finlandiż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Manu HUUHILO, *Kouvolan kaupunginvaltuuston jäsen* (membru ta' assemblea lokali, Kunsill tal-Belt ta' Kouvola), u s-Sa Eeva-Liisa NIEMINEN, *Tuusulan kunnanvaltuuston jäsen* (membru ta' assemblea lokali, Kunsill Muniċipali ta' Tuusula),

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— Is-Sa Niina RATILAINEN, rappreżentanta ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Turun kaupunginvaltuuston jäsen* (membru ta' assemblea lokali, Kunsill tal-Belt ta' Turku),

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur Manu HUUHILO, *Kouvolan kaupunginvaltuuston jäsen* (membru ta' assemblea lokali, Kunsill tal-Belt ta' Kouvola)**,**

— Is-Sinjura Eeva-Liisa NIEMINEN, *Tuusulan kunnanvaltuuston jäsen* (membru ta' assemblea lokali, Kunsill Muniċipali ta' Tuusula).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN